# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 14

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 61

19 ta' Jannar 2018


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/76 tat-23 ta' Ottubru 2017 dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius** ..... 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/77 tal-15 ta' Jannar 2018 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** ..... 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/78 tas-16 ta' Jannar 2018 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwi għat-2-fenilfenol, għall-bensulfuron-metil, għad-dimetaklor u għal-lufenuron f'ċerti prodotti jew fuqhom** ([1]) ..... 6

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/79 tat-18 ta' Jannar 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 10/2011 dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel** ([1]) ..... 31

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/80 tat-18 ta' Jannar 2018 dwar il-prezz minimu għax-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat għas-sittax-il sejħa parzjali għall-offerti fi ħdan il-proċedura tas-sejħa għall-offerti miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2080 ..... 35


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2018/76

**tat-23 ta' Ottubru 2017**

**dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-28 ta' Jannar 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/146/UE [1] dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius ("il-Ftehim").

(2) L-ewwel Protokoll [2] tal-Ftehim stabbilixxa, għal perjodu ta' tliet snin, l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Repubblika ta' Mauritius ("Mauritius") u l-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija mill-Unjoni. Il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dak il-Protokoll skada fis-27 ta' Jannar 2017.

(3) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1960 [3], Protokoll ġdid li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius ("il-Protokoll") ġie ffirmat fit-8 ta' Diċembru 2017.

(4) Jenħtieġ li jiġi definit il-metodu għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri għall-perjodu kollu tal-applikazzjoni tal-Protokoll.

(5) L-Artikolu 10(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 [4] jipprvedi li l-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati jekk ikun jidher li l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd jew l-ammont ta' opportunitajiet tas-sajd allokati lill-Unjoni skont il-Protokoll ma jkunux ġew użati għalkollox, u titlobhom jikkonfermaw li mhux qed jużaw dawk l-opportunitajiet tas-sajd. In-nuqqas ta' risposta fi skadenza stabbilita jitqies bħala konferma li l-bastimenti tal-Istat Membru kkonċernat mhux qed jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet tas-sajd tagħhom matul il-perjodu kkunsidrat. Jenħtieġ li tiġi stabbilita dik l-iskadenza.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/146/UE tat-28 ta' Jannar 2014 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju (ĠU L 79, 18.3.2014, p. 2)

[2] Il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 79, 18.3.2014, p. 9).

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1960 tat-23 ta' Ottubru 2017 dwar dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 279, 28.10.2017, p. 1).

[4] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93 u (KE) Nru 1627/94 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 3317/94 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33).

(6) Il-Protokoll ser japplika b'mod provviżorju mid-data li fiha jiġi ffirmat, sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni jinbdew malajr. Għaldaqstant, jenħtieġ ukoll li dan ir-Regolament jibda japplika minn dik id-data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

(1) L-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll għandhom jiġu allokati fost l-Istati Membri kif ġej:

(a) bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni:

| | |
|---|---|
| Spanja: | 22 bastiment |
| Franza: | 16-il bastiment |
| Italja: | 2 bastimenti |

(b) bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ:

| | |
|---|---|
| Spanja: | 12-il bastiment |
| Franza: | 29 bastiment |
| Portugall: | 4 bastimenti |

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1006/2008 għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-Ftehim u l-Protokoll.

(3) Jekk l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd mill-Istati Membri msemmijin fil-paragrafu 1 ma jeżawrixxux l-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti fil-Protokoll, il-Kummissjoni għandha tqis l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd minn kwalunkwe Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008.

(4) L-iskadenza msemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008 għandha tkun stabbilita għal għaxart ijiem tax-xogħol mid-data li fiha l-Kummissjoni tagħmel it-talba tagħha.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-8 ta' Diċembru 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-23 ta' Ottubru 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. IVA

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/77

## tal-15 ta' Jannar 2018

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]), jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata fuqha b'mod parzjali jew bis-sħiħ, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati t-tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) tal-istess tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi stipulat li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mogħtija fl-Anness huma kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda skont il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) tal-istess tabella.

### *Artikolu 2*

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

### *Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta’ Jannar 2018.

*Għall-Kummissjoni,*

*F’isem il-President,*

Stephen QUEST

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali*

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (Kodiċi NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Oġġett tessili f'forma ta' kubu (imsejjaħ "għata tas-saqqijiet") magħmul minn drapp minsuġ stampat ta' fibri magħmulin mill-bniedem (100 % poliester) li jkun jista' jinħasel, b'dimensjonijiet ta' bejn wieħed u ieħor 200 × 60 × 8 cm.<br><br>L-oġġett jingħalaq b'żipp tul wieħed mill-ġnub it-twal, li minnu jkun jista' jiddaħħal is-saqqu.<br><br>Fuq wieħed mill-ġnub it-twal jitwaħħal manku magħmul minn materjal tessili.<br><br>(Ara l-istampa) (*) | 6302 22 90 | Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u bil-kliem tal-kodiċi NM 6302, 6302 22 u 6302 22 90.<br><br>L-oġġett huwa magħmul minn materjal li jista' jinħasel u jingħalaq b'żipp li jippermetti l-oġġett jitneħħa minn mas-saqqu fi kwalunkwe ħin, u għalhekk huwa adattat għall-ħasil (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (HSEN) għall-intestatura 6302, l-ewwel paragrafu). Konsegwentement, għandu l-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi ta' bjankerija tas-sodda.<br><br>Għaldaqstant, l-oġġett għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 6302 22 90 bħala "bjankerija tas-sodda, li mhix magħmula bil-labar jew bil-ganċ, ta' fibri magħmulin mill-bniedem". |

(*) L-istampa għandha tintuża biss għal raġunijiet ta' informazzjoni.



**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/78**

**tas-16 ta' Jannar 2018**

**li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwi għat-2-fenilfenol, għall-bensulfuron-metil, għad-dimetaklor u għal-lufenuron f'ċerti prodotti jew fuqhom**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

(1) Għat-2-fenilfenol, il-livelli massimi ta' residwi (l-MRLs) ġew stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għad-dimetaklor u għal-lufenuron, l-MRLs ġew stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III ta' dak ir-Regolament. Għall-bensulfuron-metil, l-MRLs kienu għadhom ma ġewx stabbiliti qabel.

(2) Għat-2-fenilfenol, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità", ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti, f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([2]). Hija pproponiet li tinbidel id-definizzjoni tar-residwu għall-prodotti tal-pjanti u rrakkomandat li jitnaqqsu l-MRLs għall-muskoli, għax-xaħam, għall-fwied u għall-kliewi tal-ħnieżer u tal-annimali bovini u ekwini, u għall-ħalib tal-annimali bovini u taż-żwiemel. L-Awtorità kkonkludiet li, fir-rigward tal-MRLs għaċ-ċitru, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Billi ma hemm l-ebda riskju għall-konsumaturi, jenħtieġ li l-MRLs għal dan il-prodott jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Fir-rigward tal-MRLs għal-lanġas, il-limitu massimu tar-residwi mogħti fil-Codex huwa sikur għall-konsumaturi. Għalhekk huwa xieraq li l-MRL għal-lanġas jiġi stabbilit fl-istess livell.

(3) Għall-bensulfuron-metil, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([3]). L-Awtorità rrakkomandat li l-MRLs eżistenti jiżdiedu jew li dawn jibqgħu kif inhuma.

(4) Għad-dimetaklor, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([4]). L-Awtorità rrakkomandat li l-MRLs eżistenti jiżdiedu jew li dawn jibqgħu kif inhuma.

(5) Għal-lufenuron, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([5]). Hija pproponiet li tinbidel id-definizzjoni tar-residwu għall-prodotti kollha u rrakkomandat li jitnaqqsu l-MRLs għall-frott taċ-ċitru, għall-frott taż-żerriegħa, għaċ-ċirasa ħelwa, għall-għanbaqar, għall-għeneb tal-mejda, għall-għeneb tal-inbid, għat-tin, għall-Kaki, għall-frott tal-kiwi, għall-patata, għat-tadam, għall-bżar, għall-ħjar, għall-qargħa bagħli u għall-fażola tas-sojja. Għall-prodotti l-oħrajn, l-Awtorità rrakkomandat li l-MRLs eżistenti jiżdiedu jew li dawn jibqgħu kif inhuma. L-awtorità kkonkludiet li, fir-rigward tal-MRLs għall-berquq, għall-ħawħ, għall-frawli, għall-ħjar żgħir, għall-valerjanella, għall-ħass, għall-iskalora/indivja b'weraq wiesa', għall-krexxun u għan-nebbieta u rimi oħrajn, għall-krexxuni tal-art, għar-rukola Rumana, għall-mustarda ħamra, għall-ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-*Brassica*), għall-fwied u l-kliewi tal-ħnieżer, tal-annimali bovini, tan-nagħaġ, tal-mogħoż, tal-annimali ekwini u tat-tjur, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.
([2]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; "Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for 2-phenylphenol according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005". *EFSA Journal* 2017;15(1):4696.
([3]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; "Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for bensulfuron-methyl according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005". *EFSA Journal* 2016;14(10):4596.
([4]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; "Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for dimethachlor according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005". *EFSA Journal* 2016;14(11):4632.
([5]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; "Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for lufenuron according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005". *EFSA Journal* 2017;15(1):4652.

u li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Billi ma hemm l-ebda riskju għall-konsumaturi, jenħtieġ li l-MRLs għal dawk il-prodotti jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se jsir rieżami ta' dawn l-MRLs, li se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(6) F'dak li għandu x'jaqsam mal-prodotti li fuqhom mhux awtorizzat l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat, u li għalihom ma jeżistu l-ebda tolleranzi tal-importazzjoni jew limiti massimi tar-residwi fil-Codex (CXLs), jenħtieġ li l-MRLs jiġu stabbiliti fil-limitu speċifiku ta' determinazzjoni jew li japplika l-MRL prestabbilit, kif previst fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(7) Il-Kummissjoni kkonsultat lil-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għar-residwi tal-pestiċidi dwar il-bżonn li ċerti limiti ta' determinazzjoni jiġu adattati. Għal diversi sustanzi, dawk il-laboratorji kkonkludew li, għal ċerti prodotti bażiċi, l-iżvilupp tekniku jeżiġi li jiġu stabbiliti limiti speċifiċi ta' determinazzjoni.

(8) Abbażi tal-opinjonijiet motivati tal-Awtorità u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti għall-kwistjoni kkunsidrata, l-emendi x-xierqa tal-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(9) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u tqiesu l-kummenti tagħhom.

(10) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat skont dan.

(11) Sabiex il-prodotti jkunu jistgħu jiġu kkummerċjalizzati, ipproċessati u kkunsmati b'mod normali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi arranġament tranżitorju għall-prodotti li jkunu ġew immanifatturati qabel il-modifika tal-MRLs u li għalihom jintwera li nżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

(12) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli taż-żmien qabel ma jibdew japplikaw l-MRLs immodifikati, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju ruħhom ħalli jkunu konformi mar-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat permezz ta' dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għall-prodotti li ġew immanifatturati legalment qabel it-8 ta' Awwissu 2018.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Huwa għandu japplika mit-8 ta' Awwissu 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta’ Jannar 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) il-kolonna għat-2-fenilfenol hija sostitwita b'dan li ġej:

**"Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (f'mg/kg)**

| Numru tal-kodiċi | Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs ([a]) | 2-fenilfenol (it-total ta' 2-fenilfenol u tal-konjugati tiegħu, mogħti bħala 2-fenilfenol) (R) |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 0100000 | **FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR** | |
| 0110000 | **Frott taċ-ċitru** | **10** |
| 0110010 | Grejpfrut | |
| 0110020 | Larinġ | |
| 0110030 | Lumi | |
| 0110040 | Xkomp | |
| 0110050 | Mandolin | |
| 0110990 | Oħrajn | |
| 0120000 | **Ġewż tas-siġar** | **0,01** (*) |
| 0120010 | Lewż | |
| 0120020 | Ġewż tal-Brażil | |
| 0120030 | Ġewż tal-anakardju | |
| 0120040 | Qastan | |
| 0120050 | Ġewż tal-Indi | |
| 0120060 | Ġellewż/ġellewż Ewropew | |
| 0120070 | Macadamia | |
| 0120080 | Ġewż Amerikan | |
| 0120090 | Qlub tal-ġewż tal-arżnu | |
| 0120100 | Pistaċċi | |
| 0120110 | Ġewż | |
| 0120990 | Oħrajn | |
| 0130000 | **Pomu** | **0,01** (*) |
| 0130010 | Tuffieħ | **0,01** (*) |
| 0130020 | Lanġas | **20** |
| 0130030 | Sfarġel | **0,01** (*) |
| 0130040 | Naspli | **0,01** (*) |
| 0130050 | Naspli tal-Ġappun | **0,01** (*) |
| 0130990 | Oħrajn | **0,01** (*) |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0140000 | **Frott tal-għadma** | **0,01** (*) |
| 0140010 | Berquq | |
| 0140020 | Ċiras (ħelu) | |
| 0140030 | Ħawħ | |
| 0140040 | Għanbaqar | |
| 0140990 | Oħrajn | |
| 0150000 | **Kukku u frott żgħir ieħor** | **0,01** (*) |
| 0151000 | (a) *għeneb* | |
| 0151010 | Għeneb tal-mejda | |
| 0151020 | Għeneb għall-inbid | |
| 0152000 | (b) *frawli* | |
| 0153000 | (c) *frott tal-kannamiela* | |
| 0153010 | Tut | |
| 0153020 | Ċawsli iswed [Dewberries] | |
| 0153030 | Lampun (aħmar u isfar) | |
| 0153990 | Oħrajn | |
| 0154000 | (d) *frott żgħir ieħor u berries* | |
| 0154010 | Mirtill | |
| 0154020 | Cranberries | |
| 0154030 | Passolina (ħamra, sewda u bajda) | |
| 0154040 | Ribes (ħodor, ħomor u sofor) | |
| 0154050 | Warda skoċċiża | |
| 0154060 | Ċawsli (iswed u abjad) | |
| 0154070 | Għanżalor/naspli tal-Mediterran | |
| 0154080 | Frott tas-sebuqa | |
| 0154990 | Oħrajn | |
| 0160000 | **Frott - diversi bi** | **0,01** (*) |
| 0161000 | (a) *qoxra li tittiekel* | |
| 0161010 | Tamal | |
| 0161020 | Tin | |
| 0161030 | Żebbuġ tal-mejda | |
| 0161040 | Larinġ tal-qsari | |
| 0161050 | Karambola | |
| 0161060 | Kaki | |
| 0161070 | Jambolan | |
| 0161990 | Oħrajn | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0162000 | (b) *qoxra li ma tittikilx, żgħar* | |
| 0162010 | Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar, isfar) | |
| 0162020 | Liċċi | |
| 0162030 | Frotta tal-passjoni | |
| 0162040 | Bajtar tax-xewk/frotta tal-kaktus | |
| 0162050 | Tuffieħ stilla | |
| 0162060 | Kaki Amerikan/Kaki tal-Virġinja | |
| 0162990 | Oħrajn | |
| 0163000 | (c) *qoxra li ma tittikilx, kbar* | |
| 0163010 | Avokado | |
| 0163020 | Banana | |
| 0163030 | Mango | |
| 0163040 | Papaja | |
| 0163050 | Rummien | |
| 0163060 | Ċerimoja | |
| 0163070 | Gwava | |
| 0163080 | Ananas | |
| 0163090 | Frotta tas-siġra tal-ħobż | |
| 0163100 | Durjan | |
| 0163110 | Il-frotta tal-annona | |
| 0163990 | Oħrajn | |
| 0200000 | **ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT** | |
| 0210000 | **Ħxejjex mill-għeruq u t-tuberi** | **0,01** (*) |
| 0211000 | (a) *patata* | |
| 0212000 | (b) *ħxejjex tropikali mill-għeruq u t-tuberi* | |
| 0212010 | Għeruq tal-kassava | |
| 0212020 | Patata ħelwa | |
| 0212030 | Jammijiet | |
| 0212040 | Ararut | |
| 0212990 | Oħrajn | |
| 0213000 | (c) *ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi* | |
| 0213010 | Pitravi | |
| 0213020 | Zunnarija | |
| 0213030 | Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi | |
| 0213040 | Għerq tal-mustarda | |
| 0213050 | Artiċokks | |
| 0213060 | Zunnarija bajda | |
| 0213070 | Tursin tuberuż | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0213080 | Ravanell | |
| 0213090 | Sassefrika | |
| 0213100 | Swedes | |
| 0213110 | Kromb | |
| 0213990 | Oħrajn | |
| 0220000 | **Ħxejjex tal-basla** | **0,01** (*) |
| 0220010 | Tewm | |
| 0220020 | Basal | |
| 0220030 | Xalotti | |
| 0220040 | Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales | |
| 0220990 | Oħrajn | |
| 0230000 | **Ħxejjex tal-frott** | **0,01** (*) |
| 0231000 | (a) *solanacea* | |
| 0231010 | Tadam | |
| 0231020 | Bżar ħelu (kapsikum) | |
| 0231030 | Brunġiel | |
| 0231040 | Okra | |
| 0231990 | Oħrajn | |
| 0232000 | (b) *kukurbiti tal-qoxra kommestibbli* | |
| 0232010 | Ħjar | |
| 0232020 | Gherkins (ħjar żgħir) | |
| 0232030 | Qargħabagħli | |
| 0232990 | Oħrajn | |
| 0233000 | (c) *kukurbiti tal-qoxra li ma tittikilx* | |
| 0233010 | Bettieħ | |
| 0233020 | Qargħa aħmar | |
| 0233030 | Dulliegħ | |
| 0233990 | Oħrajn | |
| 0234000 | (d) *qamħirrum* | |
| 0239000 | (e) *ħxejjex tal-frott oħrajn* | |
| 0240000 | **Ħxejjex tal-Brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)** | **0,01** (*) |
| 0241000 | (a) *Brassika li twarrad* | |
| 0241010 | Brokkli | |
| 0241020 | Pastard | |
| 0241990 | Oħrajn | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0242000 | (b) *brassika bir-ras* | |
| 0242010 | Brussels sprouts | |
| 0242020 | Kaboċċa bir-ras | |
| 0242990 | Oħrajn | |
| 0243000 | (c) *brassika bil-weraq* | |
| 0243010 | Kaboċċi Ċiniżi | |
| 0243020 | Kale | |
| 0243990 | Oħrajn | |
| 0244000 | (d) *ġdur* | |
| 0250000 | **Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu** | |
| 0251000 | (a) *ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata* | **0,01** (*) |
| 0251010 | Ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ | |
| 0251020 | Ħass | |
| 0251030 | Escaroles/Indivja tal-weraq wiesa' | |
| 0251040 | Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn | |
| 0251050 | Krexxuni tal-art | |
| 0251060 | Aruka | |
| 0251070 | Mustarda ħamra | |
| 0251080 | Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom speċijiet ta' brassika) | |
| 0251990 | Oħrajn | |
| 0252000 | (b) *spinaċi u weraq simili* | **0,01** (*) |
| 0252010 | Spinaċi | |
| 0252020 | Burdlieq | |
| 0252030 | Weraq tal-pitravi | |
| 0252990 | Oħrajn | |
| 0253000 | (c) *weraq tad-dwieli u u ta' speċijiet simili* | **0,01** (*) |
| 0254000 | (d) *krexxuni* | **0,01** (*) |
| 0255000 | (e) *ċikwejra* | **0,01** (*) |
| 0256000 | (f) *ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu* | **0,02** (*) |
| 0256010 | Maxxita | |
| 0256020 | Kurrat selvaġġ | |
| 0256030 | Weraq tal-karfus | |
| 0256040 | Tursin | |
| 0256050 | Salvja | |
| 0256060 | Klin | |
| 0256070 | Sagħtar | |
| 0256080 | Ħabaq u l-fjuri tiegħu li jittieklu | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0256090 | Weraq tar-rand | |
| 0256100 | Stragun | |
| 0256990 | Oħrajn | |
| 0260000 | **Legumi** | **0,01** (*) |
| 0260010 | Fażola (bil-miżwed) | |
| 0260020 | Fażola (bla miżwed) | |
| 0260030 | Piżelli (bil-miżwed) | |
| 0260040 | Piżelli (bla miżwed) | |
| 0260050 | Għads | |
| 0260990 | Oħrajn | |
| 0270000 | **Ħxejjex biz-zokk** | **0,01** (*) |
| 0270010 | Asparagu | |
| 0270020 | Kardun | |
| 0270030 | Krafes | |
| 0270040 | Bużbież ta' Firenze | |
| 0270050 | Qaqoċċ | |
| 0270060 | Kurrat | |
| 0270070 | Rabarbru | |
| 0270080 | Rimi tal-pjanta tal-bambu | |
| 0270090 | Qlub tal-palm | |
| 0270990 | Oħrajn | |
| 0280000 | **Faqqiegħ, ħażiż u likeni** | **0,01** (*) |
| 0280010 | Faqqiegħ ikkultivat | |
| 0280020 | Faqqiegħ salvaġġ | |
| 0280990 | Ħażiż u likeni | |
| 0290000 | **Alka u organiżmi prokarjoti** | 0,01 (*) |
| 0300000 | **ŻRIERAGĦ IMNIXXFIN TAL-LEGUMI** | **0,02** (*) |
| 0300010 | Fażola | |
| 0300020 | Għads | |
| 0300030 | Piżelli | |
| 0300040 | Lupini | |
| 0300990 | Oħrajn | |
| 0400000 | **ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT** | **0,01** (*) |
| 0401000 | **Żrieragħ żejtnija** | |
| 0401010 | Żerriegħa tal-kittien | |
| 0401020 | Karawett | |
| 0401030 | Żerriegħa tal-peprin | |
| 0401040 | Ġulġlien | |
| 0401050 | Żerriegħa tal-ġirasol | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0401060 | Żerriegħa tal-kolza | |
| 0401070 | Fażola tas-sojja | |
| 0401080 | Żerriegħa tal-mustarda | |
| 0401090 | Żerriegħa tal-qoton | |
| 0401100 | Żerriegħa tal-qargħa ħamra | |
| 0401110 | Żrieragħ tal-għosfor | |
| 0401120 | Żerriegħa tal-fiddloqom | |
| 0401130 | Żerriegħa tal-camelina sativa | |
| 0401140 | Qannebusa | |
| 0401150 | Żerriegħa tar-riġnuwa | |
| 0401990 | Oħrajn | |
| 0402000 | **Frott taż-żejt** | |
| 0402010 | Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt | |
| 0402020 | Il-qlub taż-żerriegħa tal-palm taż-żejt | |
| 0402030 | Il-frott tal-palm taż-żejt | |
| 0402040 | Kapok | |
| 0402990 | Oħrajn | |
| 0500000 | **ĊEREALI** | **0,02** (*) |
| 0500010 | Xgħir | |
| 0500020 | Qamħ saraċin u ċereali foloż oħrajn | |
| 0500030 | Qamħirrum | |
| 0500040 | Millieġ komuni | |
| 0500050 | Ħafur | |
| 0500060 | Ross | |
| 0500070 | Segala | |
| 0500080 | Sorgu | |
| 0500090 | Qamħ | |
| 0500990 | Oħrajn | |
| 0600000 | **TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB** | **0,05** (*) |
| 0610000 | **Tejiet** | |
| 0620000 | **Żrieragħ tal-kafè** | |
| 0630000 | **Infusjonijiet erbali minn** | |
| 0631000 | (a) *fjuri* | |
| 0631010 | Kamomilla | |
| 0631020 | Ibisku | |
| 0631030 | Ward | |
| 0631040 | Ġiżimin | |
| 0631050 | Tilju | |
| 0631990 | Oħrajn | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0632000 | (b) *weraq u ħxejjex aromatiċi* | |
| 0632010 | Frawla | |
| 0632020 | Rooibos | |
| 0632030 | Te tal-Paragwaj | |
| 0632990 | Oħrajn | |
| 0633000 | (c) *għeruq* | |
| 0633010 | Valerjana | |
| 0633020 | Ġinseng | |
| 0633990 | Oħrajn | |
| 0639000 | (d) *kull parti oħra tal-pjanta* | |
| 0640000 | **Żerriegħa tal-Kawkaw** | |
| 0650000 | **Grupp Ħarrub** | |
| 0700000 | **ĦOPS** | **0,05** (*) |
| 0800000 | **ĦWAWAR** | |
| 0810000 | **Ħwawar taż-żerriegħa** | **0,05** (*) |
| 0810010 | Ħlewwa | |
| 0810020 | Ħlewwa sewda/kemmun iswed | |
| 0810030 | Karfus | |
| 0810040 | Kosbor | |
| 0810050 | Kemmun | |
| 0810060 | Xibt | |
| 0810070 | Bużbież | |
| 0810080 | Fienu | |
| 0810090 | Noċemuskata | |
| 0810990 | Oħrajn | |
| 0820000 | **Ħwawar tal-frott** | **0,05** (*) |
| 0820010 | Bżar tal-Ġamajka/piment | |
| 0820020 | Bżar tas-Sichuan | |
| 0820030 | Ħlewwa Ġermaniża | |
| 0820040 | Kardamomu | |
| 0820050 | Frott tal-ġnibru | |
| 0820060 | Bżar (iswed, aħdar u abjad) | |
| 0820070 | Vanilja | |
| 0820080 | Tamar tal-Indja | |
| 0820990 | Oħrajn | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0830000 | **Ħwawar tal-qoxra tas-siġar** | **0,05** (*) |
| 0830010 | Kannella | |
| 0830990 | Oħrajn | |
| 0840000 | **Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi** | |
| 0840010 | Għud is-sus | **0,05** (*) |
| 0840020 | Ġinġer | **0,05** (*) |
| 0840030 | Żagħfran tal-Indja | **0,05** (*) |
| 0840040 | Għerq tal-mustarda | (+) |
| 0840990 | Oħrajn | **0,05** (*) |
| 0850000 | **Ħwawar tal-blanzuni** | **0,05** (*) |
| 0850010 | Imsiemer tal-qronfol | |
| 0850020 | Kappar | |
| 0850990 | Oħrajn | |
| 0860000 | **Il-ħwawar ta' qalb il-fjura** | **0,05** (*) |
| 0860010 | Żagħfran | |
| 0860990 | Oħrajn | |
| 0870000 | **Ħwawar tal-aril** | **0,05** (*) |
| 0870010 | Il-qoxra barranija tan-noċemuskata | |
| 0870990 | Oħrajn | |
| 0900000 | **PJANTI TAZ-ZOKKOR** | **0,01** (*) |
| 0900010 | Pitravi taz-zokkor | |
| 0900020 | Kannamieli | |
| 0900030 | Għeruq taċ-Ċikwejra | |
| 0900990 | Oħrajn | |
| 1000000 | **PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TAL-ART** | |
| 1010000 | **Tessuti minn** | **0,01** (*) |
| 1011000 | (a) *ħnieżer* | |
| 1011010 | Muskoli | |
| 1011020 | Tessut xaħmi | |
| 1011030 | Fwied | |
| 1011040 | Kliewi | |
| 1011050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | |
| 1011990 | Oħrajn | |
| 1012000 | (b) *bovini* | |
| 1012010 | Muskoli | |
| 1012020 | Tessut xaħmi | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 1012030 | Fwied | |
| 1012040 | Kliewi | |
| 1012050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | |
| 1012990 | Oħrajn | |
| 1013000 | (c) *ngħaġ* | |
| 1013010 | Muskoli | |
| 1013020 | Tessut xaħmi | |
| 1013030 | Fwied | |
| 1013040 | Kliewi | |
| 1013050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | |
| 1013990 | Oħrajn | |
| 1014000 | (d) *mogħoż* | |
| 1014010 | Muskoli | |
| 1014020 | Tessut xaħmi | |
| 1014030 | Fwied | |
| 1014040 | Kliewi | |
| 1014050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | |
| 1014990 | Oħrajn | |
| 1015000 | (e) *ekwini* | |
| 1015010 | Muskoli | |
| 1015020 | Tessut xaħmi | |
| 1015030 | Fwied | |
| 1015040 | Kliewi | |
| 1015050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | |
| 1015990 | Oħrajn | |
| 1016000 | (f) *pollam* | |
| 1016010 | Muskoli | |
| 1016020 | Tessut xaħmi | |
| 1016030 | Fwied | |
| 1016040 | Kliewi | |
| 1016050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | |
| 1016990 | Oħrajn | |
| 1017000 | (g) *annimali terrestri oħrajn imrobbijin* | |
| 1017010 | Muskoli | |
| 1017020 | Tessut xaħmi | |
| 1017030 | Fwied | |
| 1017040 | Kliewi | |
| 1017050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | |
| 1017990 | Oħrajn | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 1020000 | **Ħalib** | **0,01** (*) |
| 1020010<br>1020020<br>1020030<br>1020040<br>1020990 | Bhejjem tal-ifrat<br>Nagħaġ<br>Mogħoż<br>Żwiemel<br>Oħrajn | |
| 1030000 | **Bajd tat-tjur** | **0,01** (*) |
| 1030010<br>1030020<br>1030030<br>1030040<br>1030990 | Tiġieġ<br>Papri<br>Wiżż<br>Summien<br>Oħrajn | |
| 1040000 | **Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura** | 0,05 (*) |
| 1050000 | **Amfibji u Rettili** | **0,01** (*) |
| 1060000 | **Annimali terrestri invertebrati** | **0,01** (*) |
| 1070000 | **Annimali vertebrati terrestri slavaġ** | **0,01** (*) |

(*) Il-limitu ta' determinazzjoni analitika

(F) = Idub fix-xaħam

**2-fenilfenol (it-total ta' 2-fenilfenol u tal-konjugati tiegħu, mogħti bħala 2-fenilfenol)**

(R) = Id-definizzjoni tar-residwu tvarja għall-kombinazzjonijiet ta' pestiċida u tan-numru tal-kodiċi li ġejjin:

2-fenilfenol - kodiċi 100000, minbarra 1040000: 2-fenilfenol

(+) Il-livell massimu ta' residwi applikabbli għall-għerq tal-mustarda (*Armoracia rusticana*) fil-grupp tal-ħwawar (bil-kodiċi 0840040) huwa dak stabbilit għall-għerq tal-mustarda (*Armoracia rusticana*) fil-kategorija tal-ħaxix, fil-grupp tal-għeruq u tat-tuberi (bil-kodiċi 0213040), filwaqt li jitqies it-tibdil fil-livelli permezz tal-ipproċessar (it-tnixxif) skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

**0840040 Għerq tal-mustarda**"

(b) jiżdiedu l-kolonni li ġejjin għall-bensulfuron-metil, għad-dimetaklor u għal-lufenuron:

**"Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (f'mg/kg)**

| Numru tal-kodiċi | Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs ([a]) | Bensulfuron-metil | Dimetaklor | Lufenuron (kwalunkwe proporzjon tal-isomeri kostitwenti) (F) |
|---|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) |
| 0100000 | **FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR** | **0,01** (*) | **0,01** (*) | |
| 0110000 | **Frott taċ-ċitru** | | | **0,01** (*) |
| 0110010<br>0110020<br>0110030 | Grejpfrut<br>Larinġ<br>Lumi | | | |

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) |
|---|---|---|---|---|
| 0110040 | Xkomp | | | |
| 0110050 | Mandolin | | | |
| 0110990 | Oħrajn | | | |
| 0120000 | **Ġewż tas-siġar** | | | **0,01** (*) |
| 0120010 | Lewż | | | |
| 0120020 | Ġewż tal-Brażil | | | |
| 0120030 | Ġewż tal-anakardju | | | |
| 0120040 | Qastan | | | |
| 0120050 | Ġewż tal-Indi | | | |
| 0120060 | Ġellewż/ġellewż Ewropew | | | |
| 0120070 | Macadamia | | | |
| 0120080 | Ġewż Amerikan | | | |
| 0120090 | Qlub tal-ġewż tal-arżnu | | | |
| 0120100 | Pistaċċi | | | |
| 0120110 | Ġewż | | | |
